**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 52

**21 ta' Diċembru, 2016**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fl-4.30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Frank Roe – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 52.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**52.1.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.**

**Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

### 52.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

**52.2.1 Is-Sindku stqarr li s-segretarju eżekuttiv ġabar kwotazzjonijiet mingħand *LK Limited* biex ikunu jistgħu jinbidlu tlett bankini fil-lokal. L-spiża ta' dawn il-bankini tidher għola milli stennejna u għaldaqstant dawn il-kwotazzjonijiet għaddew għand il-perit tal-Kunsill biex ikunu jistgħu jiġu verifikati.**

**Il-perit tal-kunsill innota li huwa veru li l-kwotazzjoni maħruġa mil-kuntrattur *LK Limited* tidher għola peress li hemm affarijiet li huma mitluba biex issir bankina li mhumiex imniżżlin fit-*tender* u għaldaqstant il-kuntrattur ma għandux linji gwida ma xiex jimxi u ikkwota prezzijiet li jaqbżu in-norma. Is-Sindku kompla jinnota li l-perit informa lill-kunsill li l-kwotazzjoni tinkludi ukoll iktar materjal minn dak meħtieġ u għaldaqstant l-ispiża tidher li hija iktar għolja. Is-Sindku stqarr ukoll li l-perit serraħ moħħ il-kunsill li għalavolja l-kwotazzjoni tidher għolja, il-kuntrattur jitħallas biss dak li jiċċertifikalu l-perit.**

**Il-kunsilliera L Cachia Castelletti rrimarkat li għandna nieħdu nota tal-affarijiet li ma humiex fil-kuntratt u naraw jistgħux issir *subcontracting* tagħhom, u jekk le naraw il-perit ittiniex l-*official rates*.**

**52.2.2 Is-Sindku ppropona lill-ħaddiema tal-kunsill għandhom jieħdu l-paga fit-23 ta Diċembru.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

**52.2.3 Is-Sindku ppropona li l-ikla tal-Milied tal-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill għandha titħallas mill-Kunsill lokali skond iċ-ċirkulari li ntbagħtet mid-dipartiment. Il-linji gwida tad-dipartiment jindikaw li l-kunsill jista' jħallas sa tletin ewro għal kull persuna f'każ li l-kunsill jagħżel li jagħmel ikla u ħmistax il-Ewro f'każ ta riċeviment.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-kunsill għandu jħallas ikla għal kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill.**

### 52.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**52.3.1 L-iskeda ta' pagamenti tal-kontijiet ġiet approvata b'mod unanimu mill-kunsill.**

## 52.4 Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2017

**52.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-*forecasts* u l-*budget* għas-sena 2017. Il-*budget* jinkludi madwar mitt elf ewro f'kapitalizzazzjoni li l-kunsill approva fil-laqgħat li għaddew li jinkludu *embellishment* ta' *areas* u tibdil ta' bankini biex ikunu jistgħu jagħtu dehra isbaħ lill-lokal.**

**Il-*budget* li ppreżenta is-Segretarju Eżekuttiv ma ntogħġobx mill-kunsillieri peress li l-*format* li hija mitluba mid-dipartiment mhux *itemized* u l-*groupings* ma jispjegawx f'dettal l-ispejjeż tal-kunsill. Il-Kunsillieri innutaw ukoll li l-*budget* fejn jidħlu attivitajiet soċjali naqas drastikament ikkumparat mas-sena 2016 u dan mhux aċċettabli.**

**Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tiġi spjegata n-nefqa tal-kunsill lokali biex ikunu jistgħu jaraw minn fejn jistgħu jitnaqqsu l-ispejjeż biex ikunu jistgħu jżiedu l-infiq relatat ma kultura u avvenimenti soċjali.**

## 52.5 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 23 ta' Jannar 2017.

**52.5.1 Il-laqgħa intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum it-Tnejn 23 ta' Jannar, 2017.**

| | |
|---|---|
| **<u>IFFIRMATA</u>** | **<u>IFFIRMATA</u>** |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |